MALTA

# QORTI KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-22 ta' Dicembru, 2008

Numru 8888/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Tabone)**

**v.**

**Peter Paul Vella**

**Illum, 22 ta' Dicembru, 2008**

**Il-Qorti**:

Dan hu provvediment wara rikors maghmul mill-Avukat Generali fid-19 ta' Dicembru 2008 li permezz tieghu huwa qed jitlob li din il-Qorti tvarja l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest provvisorju imposti fuq Peter Paul Vella mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Istruttorja fid-digriet taghha tas-16 ta' Dicembru 2008.

L-imsemi Vella tressaq b'arrest quddiem dik il-Qorti fis-16 ta' Dcembru 2008 akkuzat li kellu fil-pussess tieghu materjal pronografiku li kien juri persuni ta' taht l-eta`.

B'digriet moghti mill-imsemmija Qorti Inferjuri dak in-nhar stess tal-prezentata tieghu, l-imsemmi Vella inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jirraporta darba fil-gimgha fil-Ghassa tal-Pulizija ta' Victoria, kif ukoll li jaghmel tajjeb ghal tali beneficcju u ghall-osservanza tal-kundizzjonijiet l-ohra <u>b'garanzija personali</u> ta' elf Ewro (Euro 1,000). L-Avukat Generali qed jilmenta proprju minn din il-forma ta' garanzija, kif ukoll mill-fatt li jirraporta biss darba fil-gimgha.

Din il-Qorti jkollha, bla tlaqliq, tikkoncedi li l-Avukat Generali ghandu ragun fir-rigward tal-garanzija personali. Din il-Qorti – bhala Qorti Superjuri ta' Revizjoni f'kazijiet simili – kellha l-opportunita` diversi drabi tosserva li l-garanzija <u>personali</u> mhux biss hija, fost it-tlett modi ta' garanzija li tipprovdi ghalihom il-ligi, <u>l-anqas wahda idonea</u>, izda meta tkun f'ammonti kbar tali garanzija personali anqas taghmel sens ghax ftit li xejn tista' tkun ta' fren jew kontroll fuq l-imputat biex dan joqghod ghall-kundizzjonijiet kollha tal-helsien tieghu mill-arrest – ara, fost ohrajn, is-segwenti digrieti ta' din il-Qorti: ***Il-Pulizija v. Aron Gatt*** 25/11/05; ***Il-Pulizija v. Anthony Schembri*** 17/2/06; ***Il-Pulizija v. Antonio sive Anthony Abdilla u Dorianne Abdilla*** 10/3/06; ***Il-Pulizija v. Costantino Gouder*** 24/1/07; ***Il-Pulizija v. Michael Mifsud et*** 22/8/07; ***Il-Pulizija v. Victor Philip Bajada*** 11/9/07; u ***Il-Pulizija v. Osama Ebeid*** 15/4/08. Fil-kaz in dizamina, tenut kont tan-natura tar-reat kif ukoll tal-mezzi ta' l-imputat, li huwa impjegat mal-Gvern fil-grad ta' ghalliem, mhux biss ma kienitx indikata l-garanzija personali, izda l-ammont kien wiehed kwazi irrizorju – ara l-Art. 584 tal-Kap. 9. Huwa evidenti ghalhekk li f'dan il-kaz il-Qorti Inferjuri ezercitata id-diskrezzjoni taghha b'mod manifestament zbaljat.

Din il-Qorti, pero`, ma tara xejn manifestament zbaljat fil-kundizzjoni li l-imputat jirraporta darba fil-gimgha fil-Ghassa tal-Pulizija.

Ghalhekk, it-talba ta' l-Avukat Generali qed tigi akkolta in parti biss. Konsegwentement din il-Qorti qed thassar u tirrevoka il-kundizzjoni numru 7 fid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Istruttorja fil-kawza fl-ismijiet premessi tas-16 ta' Dicembru 2008 (fol. 7 tal-attijiet ta' l-istruttorja) li permezz taghha giet imposta biss garanzija personali ta' Euro 1,000 u, minflok dik il-kundizjjoni, timponi s-segwenti kundizzjoni

**"li jaghmel tajjeb ghall-dawn il-kundizzjonijiet** [jigifieri ghall-kundizzjonijiet l-ohra kollha msemmija fid-digriet tas-16 ta' Dicembru 2008] **kif ukoll ghal dak kollu li tghid u trid il-ligi fl-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali billi**

\# **jew jiddepozita taht l-awtorita` ta' din il-Qorti u bhala garanzija s-somma ta' tliet elef Ewro (Euro 3,000), jew**

\# **igib plegg tajjeb li jobbliga ruhhu bil-miktub ghall-imsemmija somma ta' tliet elef Ewro (Euro 3,000); f'kaz li jingieb tali plegg il-Qorti tordna li jinghata avviz ta' erbgha w ghoxrin siegha kif provvdut fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 582 tal-Kodici Kriminali sabiex tkun tista' tigi determinata l-idoneità ta' tali plegg, u f'dan il-kaz din il-garanzija ma jkollha ebda effett qabel ma tali plegg jigi approvat minn din il-Qorti."**

L-intimat Peter Paul Vella, ghalhekk, ghandu jibqa' taht arrest preventiv sakemm ma jgibx il-garanzija li qed tigi ordnata bid-digriet tal-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------